

31980R3453

31.12.1980

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 360/15

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 3453/80****tat-22 ta' Diċembru 1980****li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 154/75 dwar l-stabbiliment ta' reġistru tal-koltivazzjoni taż-żebbu fil-Istati Membri li jipproduċu ż-żejt taż-żebbu**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-1979, u partikolarment l-Artikoli 22 u 146 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 154/75 <sup>(1)</sup>, kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1794/79 <sup>(2)</sup>, jelenka l-limiti taż-żmien biex jitwaqqaf ir-reġistru tal-koltivazzjoni taż-żebbu fil-Istati Membri produttori fil-Komunità taż-Disgħa; billi l-istess limiti taż-żmien għandhom ikunu stabbiliti biex jitwaqqaf reġistru tal-koltivazzjoni taż-żebbu fil-Greċja u għandha ssir disposizzjoni għal dawn il-limiti ta' żmien biex jibdew mill-1 ta' Novembru, 1982;

Billi, biex ikun żgurat li hemm fondi biex ikopru l-ispiża biex jitwaqqaf reġistru tal-koltivazzjoni taż-żebbu fil-Greċja, għandhom jitniżżlu l-ammont li għandu jinżamm ta' għajjnuna għall-produzzjoni mħallsa lil min ikabbar iż-żebbu fil-Greċja, u l-perjodu li tulu dan għandu jsir,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KEE) Nru 154/75 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. is-subparagrafu li ġej jiżdied ma' l-Artikolu 1 (2):  
"Dwar it-twaqqif tar-reġistru tal-koltivazzjoni taż-żebbu fil-Greċja, il-limiti taż-żmien imsemmija f'(a) u (b) jibdew mill-1 ta' Novembru, 1982."
2. il-paragrafu 2a li ġej jiżdied fl-Artikolu 3:  
"2a. L-awtoritajiet kompetenti tal-Greċja responsabbli għall-pagament ta' għajjnuna għall-produzzjoni msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 136/66/KEE, fil-mument tal-pagament, jagħmlu tnaqqis ta' 0,96 ECU għal kull 100 kilogramma. Dan it-tnaqqis jgħodd għall-għajjnuna li nġhatat għall-bejgħ li sar fis-snin ta' tqegħid fis-suq 1980/81, 1981/82, 1982/83 u 1983/84."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jibda' jseħħ fl-1 ta' Jannar, 1981.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-iStati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-22 ta' Diċembru, 1980.

*Għall-Kunsill**Il-President*

J. SANTER

<sup>(1)</sup> ĠU L 19, ta' l-24.1.1975, p. 1

<sup>(2)</sup> ĠU L 206, ta' l-14.8.1979, p. 3.